# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02/2024

15 ta' Frar 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Melanie Agius - Kunsilliera

**ASSENTI:**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius ,Sindku, ippresjediet il-laqgħa

## 02.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

02.1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsilliera Melanie Agius kienet talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghha. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-assenza tal-Kunsilliera Agius kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

## 02.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

02.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 1/2024 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

02.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondata mis-Sur Martin Vella il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

02.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**02.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

02.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi f'isem il-Kunsill Lokali kien attenda ghall-assemblea General tal-organizzazzjoni Focus Europe li kienet saret gewwa Ruma.

2.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien wasal komunikat li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali kien gie infurmat illi kien ser jinbeda xoghol ta' ristrutturar ta' Triq Wigi Rosato minn Infrastructure Malta.

2.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha mas-Sur Michael Cohen minn Transport Malta rigward is-sitwazzjoni ta' pjazzetta li kien hemm fi Triq Matty Grima.

2.3.4 Is-Sindku informa lill-membri prezenti illi kienet inzammet laqgha ma' RMS Ltd. rigward il-progett ta' grawnds Peppi Delceppo.

**2.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

2.4.1 Il-Kunsillier James Cauchi staqsa : "Jista'jinghata aggornament rigward directional poles li gew diskussi ghal Triq San Nikola?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Ser inkunu qieghdin nivverifikaw fiex wasal il-process ".

2.4.2 Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet : 'Nista' ninghata raguni ghalfejn numru ta' lampi maqtughin ghadhom ma gewx imsewwija?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Dwar il-materja l-ahjar li ssir verifika mal-amministrazzjoni sabiex jigi stabbilit il-mottiv'.

2.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat rigward proposta ta' roadmarkings fi Triq San Frangisk?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ma' waslet ebda risposta minn Infrastructure jew Transport Malta. Ser tkun qieghda terga' tintbaghat nota ta' tifkira'.

2.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jiehu hsieb belisha lights fi Triq Dom Mintoff?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Hekk kif diskuss ix-xoghol ser ikun qieghed isir minn kuntrattur tal-Kunsill Lokali'.

2.4.5 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar refreshing li gie propost ghal pjazza li hemm fi Triq l-Inkoronazzjoni?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Minn informazzjoni li ghandi ix-xoghol gie ordnat u qieghdin nistennew li ninghataw data meta l-Kuntrattur ser ikun qieghed jaghmel ir-roadmakings'.

2.4.6 Il-Kunsillier Johann staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jitlob aggornament rigward motorcycle bays li kienu gew proposti ghal Pjazza Paolino Vassallo (faccata tal-kazin tal-banda?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser tkun qieghda tintbaghat nota ta' tifkira dwar il materja'.

**2.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

2.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru2/24) ghall-approvazzjoni.

2.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

2.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Jannar 2024.

2.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**2.6 Mozzjonijiet**

2.6.1 Mozzjoni numru 01/2024 (VIII)

Mozzjoni biex f'weshet il-knisja tan-nativita' ssir bozza gdida. Bozza ohra fix-Xatt ta' Bormla , quddiem l-islip minn fejn inizzlu u jtellghu d-dghajjes tar-regatta. U ohra fuq iz-zebra cross li hemm fi Triq San Pawl ( Din kienet saret simili taghha fi Trqi Lokalita Msida)

Proponent : Marco Agius

Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

2.6.2 Mozzjoni numru 02/2024 (VIII)

Qed nitlob biex il-faccata tal-Kunsill lokali tiehu d-dehra li jixirqilha. Napplikaw biex jitnehhew il-linji tad-dawl u dawk iz-zewg fanali tal-Gvern. Biex b'hekk ikompli r-restawr tal-istess faccata. Imbaghad ikunu jistghu jitpoggew zewg fanali ohra faccata tal-Kunsill

Proponent : Marco Agius

Sekondant : Martin Vella

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

2.6.3 Mozzjoni numru 03/2024 (VIII)

Nixtieq nghaddi mozzjoni biex titpogga mera kif tinzel mill-Kullegg ta' Sta.Margerita, Bormla

Proponent : Marco Agius

Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

2.6.3 Mozzjoni numru 04/2024 (VIII)

Tisbieh qabel il-mina ta' Ghajn Dwieli u dahlet tliett ibliet

Nitlob biex minn fondi li konna hadna l-imsemmija toroq jigu dekorati b'fanali ta' bi tnejn. U jithawlu xi sigar sbieh. Ma xi arbli li jiddekoraw dawn iz-zewg toroq. B'hekk id-dahla ta' Bormla tkun tilqed izjed. Ghax hekk jixirqilha

Proponent : Marco Agius

Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**2.7 Sejhiet ghall-Offerti**

2.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-evalwaturi kienu lestew il-process ghal sejha ghall-offerti li kienet inharget ghall-gbir ta' skart Goff u WEEE. Wara li gew mghoddija dettalji tar-rapporti li kienu thejjew, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi s-sejha ghall-offerti kellha tigi aggudikata lis-Sur Ronald Bezzina.

**2.8 Hatra ghall-Bord ta' interviewers - Librar/a**

2.8.1 Wara li inghataw dettalji dwar applikazzjonijiet li kienu waslu b'konnessjoni mal-ingagg ta' librar/a, il-Kunsill Lokali qabel illi l-bord li jaghmel l-intervisti kellu jkun kompost mis-Sinjuri Johann Scerri, Rita Gatt, Noyah Spiteri Hammett, zewg membri mahtura f'isem Malta Libraries u l-Assistent Ufficjal Principali tal-Kunsill Lokali bhala membru ex-ufficio.

**2.9 Quarterly Report 4 ( Jannar – Dicembru 2023)**

2.9.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Dicembru 2023 u stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega l-kontenut tieghu lill-Kunsilliera prezenti. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ghadda dettalji tad-dokument u ddiskuta l-kontenut mal-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sa. Rita Gatt u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali approva d-dokument hekk kfi imressaq.

**2.10 Budget 2024**

2.10.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien inbeda l-process sabiex jigu mhejjija l-estimi annwali ghas-sena 2024. Is-Sur Agius zied jghid illi l-istess estimi kienu gew diskussi mal-accountant tal-Kunsill Lokali u stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-pjanijiet ghad-dhul u nfiq matul l-2024. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall id-dokument abbozzat, fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali b'vot unanimu approva l-estimi annwali hekk kif imressqa.

**2.11 Annual Report and Financial Statements**

2.11.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dokument finali tal-audited Financial statements ghas-sena 2023

Wara diskussjoni libera li matulha gie spjegat lill-Kunsilliera prezenti kif l-Audited Statements ghas-sena 2023, kienu jirriflettu dak li kien gie diskuss waqt rapporti finanzjarji f'seduti precedenti, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier James Cauchi ssekondat mill-Kunsilliera Rita Gatt, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu approva d-dokument hekk kif imressaq.

## 2.12 Rapporti

2.12.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux jissieheb fi progett taht il-Kappa tal-Unjoni Ewropeja li kien gie propost lill-istess Kunsill Lokali minn Focus Europe.
- Wara li inghazel disinn, erba' Kunsilliera ddikjaraw li kellhom bzonn business cards tal-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' wahda minn erba' proposti mressqa mis-Sid tal-istabbiliment San Giorgio ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'cirkolari 1/2024 mir-Regjun Port, liema cirkolari kienet tikkoncerna attivitajiet lokali b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Regjonali.
- Il-Kunsill Lokali qabel fil-principju ma' attivita' li giet proposta f'isem ALS Malta.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi sottomessa applikazzjoni b'konnessjoni ma' skema bit-tema progetti fil-komunitajiet 2024 mahruga mill-Agenzija LESA.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'hames skemi li kienu inhargu mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali. Kien hemm qbil illi kellha tigi diskussa kull skema f'aktar dettall aktar il-quddiem.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi sabiex ftehim ta' gemellagg ma Pristina fil-Kosovo ikun finalizzat, kien jinhtieg li jigi ffirmat fil-pajjiz imsieheb wara li f'Dicembrui 2023 kien gie ffirmat f'Malta.
- Wara li nqrat korrispondenza tas-Sindku kien hemm qbil illi kellha tigi installata lampa gdida fi Triq San Mikiel.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienet giet sottomessa applikazzjoni sabiex jittellghu korsijiet ta' lifelong learning.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni sabiex titwahhal tabella fuq arblu quddiem il-Bormla Day Centre fi Triq Wigi Rosato.
- Il-kunsill Lokali qabel illi ma kellux igedded is-shubija fin-Network European Cities against Drugs.
- Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kellha tasal proposta sabiex isir gemellagg ma' villagg gewwa l-Belgju.

F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier Martin Vella (20:30)

2.12.2 Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand Transport Malta rigward Triq Matty Grima. Segwiet diskussjoni libera rigward il-materja li matulha l-membri tal-Kunsill Lokali inghataw il-possibilita' illi jaghtu l-vizjoni taghhom. Wara dan, Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett ressqet proposta sabiex ma jiccaqlaq xejn sakemm jinsabu alternativi ghaliex kien ser jinholoq inkonvenjent fit-toroq tal-madwar. Is-Sur Johann Scerri ssekonda u kien hemm erba' voti favur u astensjoni wahda.

F’dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier James Cauchi ( 20:50)

**2.13 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

2.13.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-21:01.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghaLL-21 ta’ Marzu 2024 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 25 ta’ Marzu, 2024

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| ___________________ | _______________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |